MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 5/2010

**Attard Bros. Co. Ltd**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Mejju, 2010, il-Bord ta’ l-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Fit-18 ta' Lulju 2007, l-appellant **ATTARD BROS. LTD.,** kumpanija li tahdem fis-settur tal-kostruzzjoni, issottometta l-Formola A tal-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.01.2002 - 31.03.2002 01.01.2003 - 31.03.2003 li flimkien jammontaw ghal Lm 13,635 (€31,761) minghajr penali amministrattiva u mghax. Permezz ta' sottomissjoni tad-

Dipartiment tal-VAT, datata 16 ta' Ottubru 2009, dan l-ammont kien gie aggustat waqt ir-review ghal Lm4,917; kopja ta' dan id-dokument u tar-rapport tar-"review" kif ukoll kopja tat-"tax audit report" mit-Tax Compliance Unit gew mibghuta lill-appellant fis-16 ta' Ottubru 2009.

Saru tliet seduti qabel il-Bord seta' jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Ghall-ewwel seduta, fl-24 ta' Novembru 2009, dehru ghan-nom tal-Kumpanija appellanti, is-Sur Andre' Zarb minn KPMG u Dr. Stephen Thake, Avukat. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Peress li l-appellant kien diga' spjega l-posizzjoni tieghu b'dokumentazzjoni sostanzjali annessa mal-formola tal-Appell, il-Bord talab lid-Dipartiment iressaq il-kontra argumenti tieghu. Id-Dipartiment qal li l-istejjem hargu wara li t-Tax Compliance Unit kienu identifikaw xi transazzjonijiet li ma kienux sostanzjati bid-dokumentazzjoni mehtiega minkejja li din kienet intalbet ripetutament minghand l-appellant; rizultat ta' dan, dawn gew meqjusa bhala "understated sales". Id-Dipartiment fakkar ukoll li xi whud minn dawn it-transazzjonijiet kienu gew accettati fl-istadju tar-"review" u l-istejjem gew imnaqqsa (kif jidher aktar il' fuq).

L-appellant irribatta dan billi qal li huwa kien ipprezenta l-affidavits pertinenti li fl-opinjoni tieghu kienu prova bizzejjed izda qabel li jaghmel sottomissjoni addizzjonali bil-miktub. Din waslet fid-19 ta' Jannar 2010 u t-twegiba tat-Tax Compliance Unit tramite d-Dipartiment waslet fit-12 ta' Frar 2010 u t-tieni seduta saret fit-18 ta' Frar 2010 fejn dehru ghan-nom tal-Kumpanija appellanti, is-Sur Andre' Zarb minn KPMG u Dr. Stephen Thake, Avukat. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Ghall-mistoqsija tal-Bord jekk il-partijiet ghandhomx xi jzidu ma' dak li kien miktub qabel, l-appellant ipprezenta sottomissjoni ohra u s-seduta giet aggornata ghall-ahhar darba ghat-23 ta' Marzu 2010 fejn dehru s-Sur Andre' Zarb minn KPMG u Dr. Stephen Thake ghan-nom tal-Kumpanija appellanti. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Il-Bord wara li qara u sema' bir-reqqa dak kollu li kien miktub u li ntqal miz-zewg partijiet, wasal ghall-konkluzjoni illi t-transazzonijiet li nstigaw l-istejjem kienu jikkonsistu f'numru ta' somom ta' flus (Lm 113,512 skond ir-"review report" tad-Dipartiment) li x-"shareholder" (Michael Attard) kien jidher mill-kotba li ghadda lill-Kumpanija appellanti mill-assi personali tieghu fis-snin 2001 u 2002 u li fin-nuqqas ta' evidenza kuntrarja gew meqjusa mit-Tax Compliance Unit bhala bejgh.

L-argumenti principali tal-appellant kienu :-

1. Li t-Tax Compliance Unit wara "audit tests" estensivi kienu qalu fir-rapport taghhom li l-appellant kellu sistemi ta' "internal control" sodi, specjalment fejn jirrigwarda l-"exports" li kienu r-raguni ewlenija tal-investigazzjoni.

2. Li minkejja dan id-Dipartiment kien arbitrarjament qed iqis is-self tax-“Shareholder” lill-appellant bhala bejgh mhux dikjarat.

3. Li gie sottomess affidavit mis-Sur Michael Attard datat 19.01.2007 li jiddikjara li l-ammont ta' Lm 63,700 kien jirrapprezenta flus li kienu jappartjenu lilu u lill-martu.

4. Li fic-cirkostanzi issa jmiss lid-Dipartiment li jipprova l-kontra; dan il-punt kien rilevat ukoll fil-passat mill-Bord tal-Appelli tal-VAT (Appell Numru: 118/97)

L-argumenti principali tad-Dipartiment kienu :-

1. Li minkejja l-fatt li l-appellant kien jidher li kellu kontrolli sodisfacenti kienu nstabu kazi fejn il-fatturi ma hargux fil-pront kif titlob il-Ligi.

2. Li la l-Bord u lanqas il-Qorti tal-Appell ma huma obbligati jaccettaw kull affidavit li jigi quddiemhom.

3. Li l-appellant irrifjuta li jgib evidenza sodisfacenti, ezempju, "statements" bankarji li juru l-provenjenza tal-fondi li x-"shareholder" ghadda lill-Kumpanija.

4. Li sklond il-Ligi, l-onus tal-prova jibqa' dejjem fuq l-appellant u li d-Dipartiment kellu d-dritt li jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu bl-evidenza li jkollu.

Id-decizjoni tal-Bord hija bbazata fuq dawn il-punti :-

1. Li huwa fatt li t-Tax Compliance Unit wara "audit trails" li jkopru persentagg gholi ta' "turnover" sabu li bazikament il-kontrolli interni tal-Kumpanija appellanti kienu sodisfacenti bl-eccezzjoni ta' numru ta' transazzjonijiet li jirrigwardaw direttur (Michael Attard) kif jidher fil-Pagna 28 tar-rapport tat-Tax Compliance Unit tas-16 ta' Novembru 2006.

2. Li t-Tax Compliance Unit ghamlu tentattivi serji biex jigbru evidenza, e.g. "statements" bankarji, li tissostanzja l-fatt li dawn kienu "shareholder's loans", kif qed jallega l-appellant.

3. Li ghar-raguni ta' konfidenzjalita' din l-evidenza ma gietx ipprezentata mill-appellant izda gie ipprezentat affidavit kif jinghad aktar 'il fuq. Lanqas ma gew ipprezentati kopji ta' xi "Loan Agreements" bejn l-appellant u d-Direttur.

4. Li fl-assenza ta' din l-evidenza t-Tax Compliance Unit elegga li l-ammonti relattivi jigu meqjusa bhala "understated sales" minghajr izda ma ta spjegazzjoni xierqa ta' dan l-agir.

5. Li d-Dipartiment ghandu d-dritt bil-Ligi li fl-assenza tad-dokumentazzjoni mitluba jasal ghall-konkluzjonijiet li mbaghad fuqhom johrog l-istejjem.

Fid-dawl ta' dan, il-Bord jidhirlu li ghalkemm l-appellant naqas li jikkopera mad-Dipartiment fuq il-punt ta' evidenza minghajr ma ta raguni serja, wiehed jiddubita kemm il-prezentazzjoni ta' "statements" bankarji tad-direttur kienu ser jitfghu dawl gdid fuq il-kaz peress u kif irrimarka r-"review officer" fir-rapport tieghu tas-16 ta' Mejju 2007, dawn it-tip ta' individwi generalment jaghmlu aktar uzu minn "cash transactions". Mill-banda l-ohra, il-Bord ma jistax jinjora d-dubji li qajmu t-Tax Compliance Unit rizultat ta' dan in-nuqqas ta' evidenza u ghalhekk jiddeciedi li l-"understated sales" kif ikkalkulat mit-Tax Compliance Unit ghandhom jonqsu b'50% u li l-istejjem, il-penali u l-multi relattivi ghandhom jonqsu b'dan il-persentagg.”

Sintetikament riprodotti l-obbjezzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti fil-kontestazzjoni tas-sentenza tal-Bord huma dawn li gejjin:-

1. Il-motivazzjoni taghha mhix wahda intelligibbli, anke ghaliex il-Bord ma pprovda ebda spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed parzjalment jaccetta t-tezi tal-Kummissarju;

2. Gjaladarba hi ssodisfat bit-taghrif minnha moghti illi kienu sarulha avvanzi ta’ flus minn wiehed mill-azzjonisti taghha ma kienet tezisti ebda raguni biex il-Kummissarju jqishom bhala *undeclared sales*. F’dan il-kuntest tkompli tissottometti illi una volta esebiet

dikjarazzjoni guramentata ta' dak l-azzjonist din kellha tigi accettata bhala veritjiera, f'liema kaz kien jinkombi fuq il-Kummissarju li jipproduci l-prova kuntrarja;

3. Is-somma originarjament mitluba mill-Kummissarju kienet ferm superjuri u, gjaladarba din giet progressivament ridotta, ma kienx hemm lok li jigu imposti mghaxijiet u penalitajiet kif mill-Bord ikkontemplati;

Fuq l-istat tal-provi kif dawn jinzlu mill-inkartament jirrizulta illi l-Kummissarju kien skond stimi qed jippretendi minghand is-socjeta` appellanti l-hlas ta' Lm17,026 f'*"understated sales".* Il-fonti ta' din il-pretensjoni kien jaghmlu r-rapport tat-Tax Compliance Unit tas-16 ta' Novembru 2006 fejn fih, *inter alia*, jinghad illi "*TCU encountered transactions consisting of funds which were being recovered as being receipts from the director (Mr. Michael Attard). Actual source of these inflows could not be corroborated. Company did not provide supporting documents*";

Jirrizulta illi fil-kors tar-revizjoni ta' l-istejjem provvizorji, it-Tax Review Inspector irrileva fir-rapport tieghu tas-16 ta' Mejju, 2007 illi fuq firxa ta' snin (1990 sas-sena 2003) l-imsemmi direttur u azzjonist kien irceva somma kospikwa bhala "*director's fees*" u dividendi u li, konsegwentment, "*there is ample ground to support the cash injection of Lm130,540 over a period of two years*". Huwa ghalhekk irrakkomanda illi l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 1/1/02 sa 31/3/02 tigi ridotta ghal Lm4917 mentri dik ghall-perijodu 1/1/03 sa 31/3/03 tibqa' immutabbli. Is-socjeta` appellanti ghaddiet biex tressaq gravam quddiem il-Bord fil-konfront ta' l-istejjem finali fl-ammont ta' Lm13,635;

Issa fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz quddiem il-Bord il-partijiet fil-litigju ressqu d-deduzzjonijiet u kontro-deduzzjonijiet segwenti:-

1. B’Nota ta’ sottomissjonijiet tad-19 ta’ Jannar, 2010 l-kumpanija appellanti insistiet li hi ressqet provi fil-forma ta’ Affidavit ta’ l-azzjonist Michael Attard biex turi li l-flejjes gew avvanzati lilha mill-fondi proprji ta’ l-istess azzjonist;

2. Minn naha tieghu l-Kummissarju wiegeb b’Nota tat-TCU prezentata fit-12 ta’ Frar, 2010. Fiha gie sottomess illi l-istqarrija kontenuta fl-Affidavit ma kellhiex tigi accettata fil-ghama minghajr il-korroborazzjoni ta’ prova konkreta. Ziedet taggungi illi l-oneru tal-provi hu skond il-ligi fuq it-*taxpayer* (Artikolu 4 (2) u (3) tad-Disa’ Skeda) u, allura, “*the fact that the taxpayer is refusing to provide copies of the bank statements from where the funds were transferred casts serious doubts on the actual source of the funds*”;

3. Ghal dan is-socjeta` appellanti rreplikat b’Nota ohra introdotta fit-18 ta’ Frar, 2010 fejn fiha, wara li ppremettiet illi r-rapport tat-TCU jiddemostra li hi kellha “*strong internal controls and that its records and books of account were very well kept*”, irribattiet illi l-*Bank statements* mitluba kienu dawk ta’ l-azzjonist taghha u, ghaldaqstant, gjaladarba hi ddizimpenjat ruhha, l-oneru tal-prova kellu joxxilla fuq il-Kummissarju;

4. Bil-kontro-replika tieghu l-Kummissarju, b’Nota pprezentata fit-22 ta’ Marzu 2010, issottometta illi ghall-iskarikar tal-piz tal-prova s-socjeta` appellanti kellha tiehu hsieb hi li ttella’ lill-azzjonist taghha biex dan jipprezenta l-Bank statements li jattestaw li hu kien avvanza fondi lill-kumpanija. Zied jikkonkludi illi minghajr din il-prova konkreta l-allegazzjoni tal-kumpanija dwar dak l-avvanz tal-fondi ma kellhiex tigi emnuta;

Fid-decizjoni tieghu l-Bord, wara li koncizament irriproduca l-qofol tal-kontroversja, irraguna illi l-*bank statements* kienu ta’ importanza skarsa una volta, kif ikkonstatat mir-Review Officer fir-rapport tieghu tas-16 ta’ Mejju, 2007, mhux inawdit li certi tipi ta’ individwi generalment jaghmlu aktar uzu minn *cash transactions*.

Fl-istess waqt l-Bord issokta jirraguna wkoll illi hu ma setax jinjora d-dubji insorti fit-TCU ghan-nuqqas ta' evidenza aktar tangibbli u konkreta. B'dawn il-konsiderazzjonijiet in mira l-Bord wasal ghal konkluzjoni illi l-istejjem u l-penalitajiet relattivi ghandhom jigu dimezzati bin-nofs;

Sostanzjalment is-socjeta` appellanti tikkwerela din il-konkluzjoni tal-Bord b'zewg censuri principali: il-wahda, relattiva ghall-motivazzjoni tas-sentenza; l-ohra, in meritu ghall-principju ta' l-oneru tal-provi;

In linea ta' osservazzjoni preliminari l-Qorti ssib li l-gudizzju tal-Bord kien wiehed ikkoncentrat preponderantement fuq l-analisi tal-provi u ta' l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet, ta' naha u ta' ohra, b'mod li minnhom iddeduca, *b'ratio decidendi* salomonika, illi l-argomenti kif prospettati mil-partijiet kienu t-tnejn jimmeritaw konsiderazzjoni ekwilibrata. Il-Qorti mhix behsiebha taddentra ruhha biex toqghod tirriproduci l-fehmiet taghha fuq il-kontenut in generali tal-motivazzjoni fis-sentenzi ghaliex fuq il-punt okkupat ruhha f'aktar minn okkazjoni wahda. Ara b'illustrazzjoni id-decizjoni taghha tat-3 ta' Ottubru, 2008 in re: "**Attard Bros. Co. Ltd -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**". Tillimita ruhha ghall-osservazzjoni illi fil-kaz partikolari, kuntrarjament ghal dak dedott mis-socjeta` appellanti, il-motivazzjoni ma tiddifettax kontra r-razzjonalita u lanqas ma jista' jinghad li hi vizzjata minn process errat tar-ragonament legali. Certament, is-socjeta` appellanti ghandha l-ewwelnett tikkoncedi illi l-valutazzjoni tal-provi hi materja li taqa' fil-poter disposittiv u esklussiv tal-Bord gjaladarba l-appell lilu hu wiehed generali. Fit-tieni lok, anke jekk ma taqbelx maghha, l-istess socjeta` appellanti ghandha taccetta illi l-motivazzjoni ma tistax ma titqiesx intrinsikament idoneja biex wiehed jippercepixxa minnha r-ragunijiet ghab-bazi tad-decizjoni. Fit-tielet lok, huwa sewwa li jigi ripetut illi ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni intelligibbli, il-Bord ma kienx tenut li joqghod processwalment jivvaluta singolarment kull aspett

probatorju izda kien jibbasta li jqis il-provi fil-kumpless taghhom u li jindika l-elementi li fuqhom hu jkun ser jibbaza l-konvinciment tieghu. Taht dan il-profil, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma jidherx li l-Bord avvicina l-kwestjoni minn vizjoni ambivalenti jew kongruwement insostenibbli. Huwa sab li ma kellux jilqa’ l-argomenti ta’ xi hadd fost il-partijiet fl-interita taghhom u tali kien jaghmel sens gjaladarba l-qaghda kifipprezentata quddiemu u c-cirkostanzi generali tal-kaz kienu jimmeritaw konsiderazzjoni distributtiva u ekwa taz-zewg linji difensjonali;

Issa fis-sistema tal-ligi taghna hi regola tradizzjonali illi l-oneru tal-provi hu mixhut fuq min jallega fatt favorevoli ghas-sostenn tad-dritt avokat minnu. Dan huwa maggorment hekk taht il-ligijiet fiskali in kwantu huma dawn li espressament jghabbu fuq spallejn it-*taxpayer* dan il-piz. Ara fil-kaz tal-ligi dwar it-Taxxa fuq l-Income l-Artikolu 35 (3) ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372) u fil-kaz tal-ligi tal-VAT l-Artikolu 4 (2) u (3) tad-Disa’ Skeda. Kif drabi ohra deciz, dawn id-disposizzjonijiet ifissru illi “l-inizzjattiva hi f’idejh in kwantu l-prova mahsuba biex tikkumbatti d-deduzzjoni tal-Kummissarju hi fil-poter disposittiv tieghu” (“**Edwin Muscat -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**”, Appell, 20 ta’ Frar, 2008). Jekk allura “il-parti tonqos milli tadempixxi ruhha, u dan b’mod konklussiv u konvincenti, dak il-piz jitraduci ruhu fi zvantagg ghaliha in kwantu l-fatt allegat jibqa’ incert jew il-prova inkombenti fuqha tibqa’ insodisfatta” (“**Martin Pace (B&M Car Hire) -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**”, Appell, 13 ta’ Novembru, 2009 u “**John Gusmann -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**”, Appell, 12 ta’ April, 2007);

B’kull rispett dovut din il-Qorti ma ssibx li tista’ leggerment taccetta l-proposizzjoni drabi ohra ventilata illi l-Bord kellu f’kollox u ghal kollox joqghod fuq id-dikjarazzjoni guramentata ta’ xi xhud. Verament ma hemm xejn fil-ligi li jobbliga lill-Bord jaghmel dan. Inghad minn din il-Qorti

b'referenza ghal *records* ta' *taxpayer* illi "l-fatt li l-kotba tas-socjeta` appellanti ma nstabux li kien fihom irregolaritajiet ma jfisserx bilfors li t-tezi taghha ghandha ghaldaqstant tigi sostenuta". ("**Bacchus Co Ltd -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 3 ta' Ottubru, 2008). Fil-kuntest il-Qorti rrikollegat ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Income Tax) tas-27 ta' Dicembru, 1960 fejn proprju gie rilevat illi "l-Bord jista' jidhirlu illi parti mill-kotba hija attendibbli u ta' min jorbot fuqha u parti ohra le, u ghalhekk hu jista' jemmen dik il-parti u jiskarta l-parti l-ohra. Din hi diskrezzjoni moghtija lil kwalunkwe gudikant u tghodd ghal kull xorta ta' prova". Dan mhux il-boghod minn dak li ghamel il-Bord fil-kaz prezenti. Huwa dehrlu, tajjeb jew hazin, li ma kellux jakkorda affidament komplet lill-Affidavit ta' l-azzjonist tat-*taxpayer* anke jekk fl-istess waqt accetta bhala plawsibbli li seta' kien hemm avvanzi ta' flejjes kontanti fil-forma ta' "loan" lill-kumpanija;

F'din il-prospettiva c-censuri tas-socjeta` appellanti sija fuq dan il-punt, sija fuq il-punt tal-motivazzjoni ma jistghux jitqiesu gustifikati. Finalment, imbaghad, raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti ma tarax kif tista' taderixxi mat-talba li saritilha ghall-kancellazzjoni ta' l-imghaxijiet u tal-penali meta l-perkors logiku tad-deduzzjoni tal-Bord ma setax hlief iwassal ghall-konkluzjoni illi wkoll dawn l-imposizzjonijiet accessorji, linejarment mar-riduzzjoni bin-nofs tas-somma kapitali, jigu hekk imnaqqsa b'hamsin fl-mija (50%).

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------